MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-11 ta' Ottubru, 2006

Avviz Numru. 852/1999/1

**Avviz numru 852/99DM**

**Industrial Motors Limited**

**Vs**

**Gino Cutajar**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal- konvenut, ghall-hlas tas-somma ta' hames mija tmienja u ghoxrin liri Maltin u wiehed u hamsin centezmi (Lm528.51), prezz dovut ghal tiswijiet maghmula fuq il-vettura Maserati Bi Turbo fuq inkarigu tal-konvenut, liema somma ma thallsitx ghalkemm gie interpellat jaghmel dan u dan kif jirrizulta mid-dokument anness ma' l-Avviz u mmarkat Dok A.

Bl-imghaxijiet u bl-ispejjez kollha nkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 29 ta’ April, 1999, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Gino Cutajar fejn ecceppixxa illi:

1 It-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante illi l-ammont pretiz mhuwiex dovut billi t-tiswijiet u x-xogholijiet li saru mis-socjeta’ attrici fuq il-Maserati bi Turbo ma gewx ezegwiti skond is-sengha u l-arti;
2 Konsegwenza ta’ dan, il-konvenut inkorra spejjez ghand terzi sabiex jaghmel it-tiswijiet u x-xogholijiet mehtiega, ghal-liema danni u spejjez is-socjeta’ attrici hija unikament responsabbli li taghmel tajjeb ghalihom;
3 Ghalhekk, il-konvenut qed jipprevalixxi ruhu minn din l-azzjoni sabiex jiccita s-socjeta’ attrici *in via* rikonvenzjonali billi jipprezenta l-kontestwali kontro-talba;
4 Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut Gino Cutajar ghat-talba tas-socjeta’ attrici Industrial Motors Limited fejn talab illi:

1 Stante li s-socjeta’ attrici naqset milli tezegwixxi skond is-sengha u l-arti r-riparazzjonijiet u x-xogholijiet li kellhom isiru fil-vettura tal-konvenut u l-istess konvenut kien kostrett jinkariga lil terzi sabiex jaghmel mill-gdid dawn it-tiswijiet u xogholijiet u nkorra spejjez ghal-liema spejjez is-socjeta’ attrici hija unikament responsabbli;
2 Tghid is-socjeta’ attrici ghaliex m’ghandiex, prevja dikjarazzjoni illi hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-konvenut wara illi kellu jinkariga lil terzi sabiex jezegwixxu riparazzjonijiet u xoghlijiet fuq il-vettura Maserati Bi Turbo, proprjeta’ tieghu, peress illi t-tiswijiet u x-xogholijiet ezegwiti mis-socjeta’ attrici fuq l-istess vettura ma sarux skond is-sengha u l-arti, tigi kkundannata thallas id-danni *ossia* l-ispejjez inkorsi mill-konvenut u dana wara li l-istess jigu likwidati minn dina l-Qorti;

3 Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali datata 10 ta’ Mejju, 1999, u bl-imghaxijiet legali mill-10 ta’ Mejju, 1999, sal-effettiv pagament kontra s-socjeta’ attrici li giet ingunta ghas-subizzjoni.
4 Ghall-fini ta’ kompetenza jigi dikjarat li d-danni ma jeccedux tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Industrial Motors Limited ghall-kontro-talba tal-konvenut Gino Cutajar fejn ecceppixxa illi:

1. It-talbiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu peress illi mhux minnu illi s-socjeta’ konvenuta naqset milli tezegwixxi skond s-sengha u l-arti r-riparazzjonijiet u x-xogholijiet li kellhom isiru fil-vettura tal-konvenut.
2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet tat-3 ta’ Novembru, 2000, fejn gie nominat Joseph Zammit bhala espert tekniku;

Rat ir-rapport ta’ l-espert tekniku pprezentat fil-11 ta’ Marzu, 2005 u semeghtu bil-gurament in eskussjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

It-talba attrici tirrigwarda kont minnhom spedit lill-konvenut ghas-somma ta’ hames mija, tmienja u ghoxrin lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm528.51) li kopja tieghu tinsab esebita bhala dokument ‘A’ a. fol. 2 tal-process, liema kont jirreferi ghall-riparazzjonijiet illi l-kumpanija attrici ghamlet fil-vettura tal-konvenut meta, kif jaqblu l-partjijet, din il-vettura kienet iddahlet ghand il-kumpanija attrici sabiex jinstab u jigi riparat id-difett li kellha kif

deskritt fuq l-istess *job card : 'hesitation when high revved'* .

Minn naha tieghu l-konvenut isosstni illi dawn ir-riparazzjonijiet effettwati mill-kumpanija attrici u l-*parts* minnhom utilizzati ma kinux sufficjenti biex gie rimedjat id-difett u, filwaqt li jsosstni ukoll illi dawn ix-xogholijiet lanqas ma saru skond l-arti u s-sengha, huwa jallega illi effettivament kellu jirrikorri ghand *garage* iehor sabiex gie irrimedjat id-difett lamentat. Fil-fatt dan il-*garage* alternattiv effettivament irrimedja ghad-difetti u l-konvenut kellu jhallas ghal dawn ix-xogholijiet u bil-kontro talba tieghu ghalhekk qed jitlob illi hu jigi kkumpensat ghal dawn l-ispejjez li ghamel biex irrimedja d-difett li ma kinux kapaci jirrimedjaw l-atturi.

Izda ghalkemm il-konvenut ghamel din il-kontro talba huwa ma gabx provi sufficjenti in sostenn ta' l-allegazzjoni tieghu illi huwa sofra xi danni minhabba n-nuqqas ta' ezekuzzjoni tax-xoghol mitlub mill-atturi u fi kwalunkwe kaz jekk tirnexxi l-oppozizzjoni tieghu fil-konfront tat-talba maghmula lilu mill-atturi, huwa ma jkun obbligat li jhallas xejn lill-atturi izda lanqas l-atturi ma jistghu jigu kostretti li jaghmlu tajjeb ghall-ispejjez illi jkun baghata l-konvenut biex irrimedja d-difetti ghand haddiehor.

Ghaldaqstant minhabba dawn il-konsiderazzjonijiet il-Qorti qed ticad il-kontrotalba tal-konvenut kif diretta kontra l-atturi.

Ghal dak li jirrigwarda t-talba principali, billi din ghar-rizoluzzjoni taghha tiddependi fuq konsiderazzjonijiet ta' natura teknika, il-Qorti kienet innominat lil Joseph Zammit bhala espert tekniku li pprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fis-17 ta' Gunju, 2005.

Minn din ir-relazzjoni u mid-depozizzjoni sussegwenti tal-perit tekniku jirrizulta ampjament stabbilit illi l-kumpanija attrici ma rnexxiliex tiddentifika l-kawza tad-difett li kienet qed issofri minnu l-magna tal-konvenut. Jirrizulta li minnflok ma l-atturi irrikonoxxew dan in-nuqqas taghhom huma ghaddew biex ghamlu diversi xogholijiet u bidlu

diversi *parts* minghajr ebda gustifikazzjoni, izda biss bl-isperanza li bil-bdil tad-diversi *parts* u bix-xogholijiet esegwiti huma setghu jolqtu u jsolvu d-difett fil-vettura tal-konvenut.

Dan pero’ mhuwiex il-mod kif wiehed ghandu jghaddi ghall-esekuzzjoni ta’ xoghol specifiku kif ordnat mill-klijent. Xoghol ghaqli kien jirrikjedi illi ssir analizi bir-reqqa’ u bil-ghaqal tad-difett specifiku kif ilmentat mill-proprjetarju tal-vettura u x-xogholijiet jibdew biss meta d-difett ikun gie ddentifikat u stabbilita sew it-triq biex twassal ghar-riparazzjoni tad-difett specifiku.

B’ebda mod ma kienu gustifikati l-atturi illi jghaddu biex jissostitwixxu partijiet mill-magna tal-vettura tal-konvenut meta dawn, kif irrizulta, ma kienux qeghdin isofru minn ebda difett u meta s-sostituzzjoni taghhom u x-xoghol iehor involut b’ebda mod ma wassal biex jigi eliminat id-difett li minnu kien qed jilmenta l-konvenut.

Infatti biex gie eliminat minn terzi persuni d-difett li kienet qed issofri minnu l-magna tal-konvenut, kien involut xoghol u sostituzzjoni ta’ *parts* totalment differenti u distinti mix-xogholijet inutili illi ghamlu l-atturi.

Ghaldaqstant filwaqt li l-Qorti tadotta u taghmel taghha l-konkluzjonijiet peritali qeghda tilqa’ l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut fil-konfront tat-talba attrici u qeghda konsegwentement tirrispingi t-talba taghhom fil-konfront tal-konvenut.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, billi anke ghal dak li jirrigwarda l-perizja din kienet necessarja esklussivament biex tigi ddeterminata t-talba principali ta’ l-attur u l-oppozizzjoni tal-konvenut ghaliha, tordna li l-ispejjez kollha jithallsu mill-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------